MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 2827/2002

**Atlas Insurance Agency Limited, bhala rapprezentanti tas-socjeta' estera AXA Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Christopher Selvagi u b'nota tat-13 ta' Mejju, 2004 is-socjeta' Atlas Insurance Limited bhala cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta' estera AXA Insurance plc surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Christopher Selvagi assumiet l-atti tal-kawza minflok is-socjeta' Atlas Insurance Agency Limited bhala rapprezentanti tas-socjeta' estera AXA Insurance plc**

**vs**

**Peter Borg**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fis-27 ta' Novembru, 2002, fejn is-socjeta' attrici qed titlob il-kundanna tal-konvenut ghar-risarciment ta' Danni komplessivi fl-ammont ta' elf tlett mija erbgha u erbghin lira (Lm1344) minnha sborsati bhala indennizz a favor l-assikurat ghall-hsara li garrab konsegwenza ta' incident li gara Swieqi fit-30 ta' Ottubru, 2001 meta l-konvenut, volontarjament u dolozament, saq il-vettura Nru CAG 586 ghal fuq il-vettura Nru KAC 514 propjeta' ta' Christopher Selvagi u misjuqa minnu - ghal liema danneggjament il-konvenut kien unikament responsabbli u ghalhekk huwa obbligat jaghmel tajjeb.**

**Oltre d-danni, l-konvenut ghandu jhallas l-ispejjez tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Frar 2002 u l-imghax legali b'effett mit-28 ta' Frar 2002 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Ra illi l-konvenut Peter Borg ma pprezentax risposta pero' deher u kkontesta t-talba.**

**Semgha x-xhieda ta' Christopher Selvagi, Lara Selvagi, Victor Zammit Tabona, Steve Conti, William Borg, PS 1393 Carmel Azzopardi u Peter Borg.**

**Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Sema' lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Din il-kawza tirrigwarda kollizzjoni li sehhet fit-30 ta' Ottubru, 2001 fi Triq il-Gmiel, is-Swieqi bejn il-vettura KAC 514 misjuqa mill-attur u l-vettura CAG 586 misjuqa mill-konvenut.**

**2. Jirrizulta illi l-attur Christopher Selvagi fis-7:15a.m. kien ghaddej minn Triq il-Gmiel Swieqi fejn joqghod qed iwassal lil bintu Lara l-iskola u kien wasal f'dik il-parti tat-triq fejn tghaddi karozza wahda u li taghti ghal triq Wied id-Dies. Meta l-attur kien wasal fil-bokka ta' Triq Wied id-Dies, dahal il-konvenut**

**bil-vettura CAG 586 li mieghu kellu lil ibnu William Borg. B'hekk il-konvenut ibblokka t-triq lill-attur.**

**3. Ghandu jinghad li kien hemm kawza pendenti fejn il-konvenut kien qed ifittex il-hlas ta' xoghol lill-attur. Jirrizulta illi lejliet il-konvenut kien qal lill-attur skond ma jghid l-istess attur: "…..qalli wkoll li ser jigi jkissirni."**

**4. It-Tribunal qed jaghti aktar piz lix-xhieda ta' l-attur filwaqt illi mhux qed iqis kredibbli x-xhieda tal-konvenut u ibnu u dana ghar-ragunijiet li ser jinghadu aktar 'l quddiem.**

**5. Jirrizulta illi meta l-konvenut kien qed jibblokka t-triq l-attur regga' lura sa x'hin wasal ghal fetha bejn Triq il-Gmiel u Triq il-Kajjarun. Dwar il-fatt illi meta l-attur regga lura l-konvenut segwieh, hemm id-deposizzjoni tax-xhud indipendenti Victor Zammit Tabona.**

**6. Jirrizulta illi meta wasal fil-fetha msemmija l-attur waqaf filwaqt illi l-konvenut baqa' diehel fih. Il-konvenut hareg mill-karozza u l-attur saq ghal go Triq Kajjarun u waqt illi qed jaghmel hekk il-konvenut tah daqqa fuq il-karozza.**

**7. Dwar ix-xhieda ta' William Borg it-Tribunal jinnota li dan qal "bqajna weqfin waqt li hu qed jirriversja." Dana definittivament mhux minnu u jirrizulta ampjament mix-xhud indipendenti Victor Zammit Tabona. Hekk ukoll l-istess William Borg xehed "ahna bdejna nghidulu biex jieqaf u hu baqa' sejjer." Anke dan ma jirrizultax. In fatti l-vera raguni l-ghala l-konvenut segwa lill-attur kien ghax ried is-sodisfazzjon dwar il-kawza ta' lejliet, u l-attur kellu kull ragun illi jahseb illi l-konvenut kien intenzjonat hazin. Ma hux daqshekk semplici kif jipprova jpengiha l-istess xhud William Borg meta dawn, li joqoghdu r-Rabat nizlu appozitament sas-Swieqi, skond ma jghid ix-xhud "missieri ghadda mill-Madliena biex ikellem lil Selvagi." Wisq anqas huwa kredibbli dan ix-xhud meta jghid li lanqas ma jaf jekk lejliet jekk missieru kellhux il-Qorti ma' Selvagi.**

**8. Il-konvenut ighid li kif qorob lejh l-attur saq lura. Skond il-konvenut gholla idejh biex iwaqqfu u l-konvenut irid jikkonvinci lit-Tribunal illi ma tax daqqa**

**lill-karozza ta'  l-attur, izda li l-attur laqatlu daqsxejn idejh bil-karozza.**

**Ghalhekk fic-cirkostanzi t-Tribunal iqis illi mill-assjem tal-provi, d-dinamika ta' l-incident kif spjegata mill-attur hija aktar attendibbli.  Huwa minnu li l-konvenut, qabel ma gara l-incident, kellu d-disgwid ma' l-attur minhabba l-kawza fuq ix-xoghol tal-madum pendenti fuq il-Qorti.  Ma jirrizultax illi l-attur tgerfex ghalkemm jirrizulta u hu gustifikat illi l-attur kien qed jibza mill-konvenut.  Ma hemmx dubbju illi l-akbar zball li ghamel il-konvenut kien illi segwa lill-attur meta dan irriversja ghaliex b'hekk il-konvenut kien qed jaghti ndikazzjoni cara lill-attur li mhux ser ihallieh jitlaq qabel ma jiehu s-sodisfazzjon.  Ghalhekk fic-cirkostanzi ma hemmx dubbju illi l-htija ghal dan l-incident hija kollha tal-konvenut illi volontarjament u dolozament saq ghal fuq l-attur.  Fic-cirkostanzi l-konvenut kien f'posizzjoni li jipprevedi dak li kien ser jigri meta ser isegwi lill-attur u seta' facilment ipprevenieh kieku ma segwiehx.**

**Bhala danni dawna jirrizultaw pruvati mid-Dok CS 2 li huwa s-survey konfermat mis-suveyor Steve Conti.  In oltre d-danni jirrizultaw ukoll mir-ricevuti esebiti Dok CS 3 sa CS 11 u dana fl-ammont ta' elf tlett mija erba' u erbghin lira (Lm1,344).**

**Ghaldaqstant filwaqt li jsib lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh, jikkundannah ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta'  elf tlett mija erba' u erbghin lira (Lm1,344) bl-imghaxijiet legali mit-28 ta' Frar, 2002 sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' Frar 2002  ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------